**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 260/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mario Fenech**

Illum 22 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Mario Fenech**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 182882(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fl-14 ta' Ġunju 2007:

a. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-

dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

b. fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi saq il-vettura JBI 612 mudell Mercedes Benz bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, titratta ma' l-imputat talli huwa reċidiv b'sentenza datata 16 ta' Jannar 2006 mogħtija mill-Maġistrat Dr. G. Grixti LL.D. liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula u oltre minn hekk tiskwalifika lil Mario Fenech milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' żmien ta' mhux anqas minn tlitt xhur *ai termini* ta' Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Mejju 2018, fejn il-Qorti, wara li rat Taqsimiet IV u VI, Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt illi astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' imputazzjoni (b) miġjuba kontra l-imputat, sabitu ħati ta' imputazzjoni (a) u tal-addebitu tar-reċidiva u kkundannatu għall-piena ta' tmien xhur (8) priġunerija u multa ta' elf Euro (€1,000) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk l-imputat jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija

skont il-liġi. L-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-iskwalifika ta' Mario Fenech milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan. In oltre *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-imputat iħallas l-ispejjeż konnessi mal-esperti maħtura fil-mori tal-proċeduri ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud, ammontanti għas-somma ta' tliet mija, ħamsa u sittin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€365.88), l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' PS 659 Jeffrey Hughes ammontanti għas-somma ta' għoxrin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€20.35) u dawk konnessi mar-relazzjoni ta' l-espert Dr. Martin Bajada ammontanti għas-somma ta' tliet mija, wieħed u tmenin Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€381.47). Dawn l-ispejjeż ammontanti b'kollox għas-somma ta' seba' mija, sebgħa u sittin Euro u sebgħin ċenteżmu (€767.70) kellhom jitħallsu mill-imputat fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza. L-Ewwel Qorti ordnat in oltre r-rilaxx tas-somma eżebita bħala Dokument "DT 4" konsistenti fis-somma ta' erba' mija u tnejn u għoxrin Lira Maltin (Lm422) u għoxrin Euro (€20), sussegwentement depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti f'forma ta' *bank draft* maħruġ mill-Bank Ċentrali fis-somma ta' disa' mija, tlieta u tmenin Euro (€983) ekwivalenti għall-imsemmija Lm422, kif ukoll karta tal-għoxrin Euro (€20) u rrilaxx tal-*mobile phone* eżebit bħala Dokument "DT 3", favur l-imputat. Finalment, l-Ewwel Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita bħala Dokument "DT 5" hekk kif is-sentenza tagħha tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument ġie ordnat li jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2018 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: "*tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *fejn astjeniet fir-rigward tal-imputazzjoni (b),* ***TĦASSARHA U TIRREVOKAHA*** *fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni (a), tiddikjarah mhux ħati tagħha u konsegwentement tilliberah minnha; u fin-nuqqas ta' dan*

***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 257 *et seq.*) din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Nota ippreżentata mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fl-1 ta' Frar 2022 (*a fol.* 306 *et seq.*) fejn il-Bord informa lil din il-Qorti diversament preseduta li kien qiegħed jikkunsidra l-każ bħala magħluq b'suċċess.

Rat in-Nota tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fl-14 ta' Frar 2022 (*a fol.* 311) fejn fiha din il-Qorti diversament preseduta ġiet infurmata li minn riċerka li saret ma rriżultax li l-appellant kellu proċeduri oħra pendenti fi grad ta' appell.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, b'dan illi da parte tagħhom il-konsulenti legali tal-appellant talbu li din il-Qorti tieħu konjizzjoni ta' sentenza msemmija minnhom fil-verbal tas-seduta msemmija, liema

sentenza ġiet mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (u dana fir-rigward tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*).

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għall-fatti li jirriżultaw fl-atti processwali. F'dan il-każ, għal ħabta tat-8.00pm tal-14 ta' Ġunju 2007, PC 729 u PC 296 kienu fuq ronda f'Ħal Qormi meta nnutaw vettura tal-għamla Mercedes ta' kulur *silver* bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI 612 li kellha l-ħġieġ *tinted*. Il-Pulizija daqqew il-*horn* sabiex iwaqqfu lill-appellant ħalli jkellmuh fuq il-ħġieġ *tinted*. Fil-ħin u l-waqt l-appellant beda jsuq bl-addoċċ. Il-Pulizija saqu għal wara l-appellant meta dan rema borża mill-vettura. Il-vettura twaqqfet ftit wara u wieħed mill-Pulizija mar ifittex dak li kien intrema qabel mill-vettura tal-appellant. F'din it-tfittxija instabet borża bi trab kannella fiha. Meta twaqqaf l-appellant fil-vettura kellu miegħu tifel żagħżugħ. Il-Pulizija għamlu tfittxija fil-vettura u sabu flus kontanti fl-ammont ta' ċirka erba' mija u tnejn u għoxrin lira Maltin (Lm 422) u *mobile*.

Illi minn analiżi tal-kontenut tal-borża tal-plastik li allegatament intremiet mill-appellant irriżulta li t-trab kannella kien droga eroina u l-ammont tal-eroina kien dak ta' 4.9 grammi b'purita' ta' 31.4%. Skont ix-xiehda mogħtija mill-iSpiżjar Mario Mifsud (*a fol.* 130 *et seq.*) minn dan l-ammont jinħargu 49 *sachet* b'0.1 gramma kull wieħed.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> l-appellant jilmenta li l-Pulizija ressquh darbtejn fuq imputazzjonijiet li joħorġu mill-istess fatti. Jargumenta li għalkemm ir-reati huma differenti, Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirreferi dwar "l-istess fatt".

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li permezz ta' proċeduri separati (*a fol.* 11) il-Pulizija xlew lill-appellant talli fl-14 ta' Ġunju 2007 saq vettura b'manjiera perikoluża u b'ġiri aktar milli jmissu. Dawn l-

imputazzjonijiet ġew deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (*a fol.* 12) fejn l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet hemm imsemmija u weħel multa u ammenda u ġie skwalifikat mil-liċenzja tas-sewqan għal tliet (3) xhur. Jisħaq li l-proċeduri odjerni jmorru kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem.*

Illi dwar il-kunċett ta' *ne bis in idem*, **Carrara** fl-Opuscoli di Diritto Criminale (Vol. II - Tipografia Giosti, 1870) jgħid hekk:

> *"Se è intollerabile che un reato rimanga impunito, è anche più intollerabile che si punisca due volte."*

Illi huwa proprju sabiex tiġi evitata tali aberrazzjoni li l-liġi Maltija tirregola ċ-ċirkostanzi li jistgħu jiksru l-prinċipju msemmi hawn fuq kemm permezz ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm bil-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll b'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2023 miżmuma quddiem din il-Qorti, l-appellant għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittjiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Sergey Zolotukhin v. Russia** (Numru 14939/03), b'mod partikolari paragrafu 84 tagħha. Din il-Qorti rat u fliet din is-sentenza kollha u ma hijiex tal-fehma li l-fatti fiha jixbħu ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha din il-Qorti.

Illi stabbilit dan, din il-Qorti tirreferi għal "Guide on Article 4 of Protocol No. 7 to the European Convention on Human Rights – Right not to be tried or punished twice" aġġornat fil-31 ta' Awwissu 2022 fejn hemm stabbilit is-segwenti:

> "5. Article 4 consists of three paragraphs. The first paragraph sets out the three key components of the *ne bis in idem principle* (*Mihalache v. Romania* [GC], § 49):
>
> 1. whether both proceedings were "criminal" in nature,
>
> 2. whether the offence was the same in both proceedings and

3. whether there was a duplication of proceedings."

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Oliver Abela** (Numru 4/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta kkwotat is-segwenti:

> "12. Fil-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet **Francis Vella vs. Avukat Ġenerali**, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) daħlet fl-interpretazzjoni ta' dan il-prinċipju anki b'referenza għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn irriteniet is-segwenti:
>
>> "Meta wieħed jitkellem dwar l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament ġuridiku tagħna, wieħed iqis li jeħtieġ <u>jintwera li l-persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża oħra trid tkun l-istess waħda li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel proċedura</u> u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt. Bl-espressjoni l-"istess fatt" wieħed għandu jifhem il-fatt fiżikament rigwardat, konsistenti għalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tiegħu. Mhux biżżejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oġġett; hekk, per eżempju, min f'okkażjoni partikolari jagħmel ħsara volontarja fuq proprjeta' ta' ħaddieħor u f'okkażjoni oħra jerġa' jagħmel l-istess tip ta' ħsara fuq l-istess proprjeta' ma jista' bl-ebda mod jeċċepixxi r-*res judicata.* Madankollu, għall-finijiet ta' stħarriġ ta' ksur ta' jedd fundamentali, tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, filwaqt li l-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar l-istess fatt, l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar (l-istess) reat.

> Il-garanziji kostituzzjonali ma jistgħux ikunu applikati b'xeħħa jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li tagħti l-liġi ordinarja kif tinsab fil-Kodiċi Kriminali.
>
> Għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* taħt il-Konvenzjoni kif applikat taħt il-Konvenzjoni dan jieħu xejra xi ftit differenti minn dak li japplika taħt il-Kostituzzjoni. L-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, li llum il-ġurnata jagħmel biċċa mil-liġi ta' Malta, jipprovdi li ħadd ma jista' jiġi pproċessat jew ikkastigat għal darba oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun ġie pproċessat (kemm jekk ikun inħeles kif ukoll jekk ikun instab ħati) skont il-liġi u l-proċedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jagħmel eċċezzjoni fil-każ li, skont il-liġi u l-proċedura penali ta' xi Stat, każ jista' jerġa' jinfetaħ jekk ikun hemm provi ta' fatti ġodda li jkunu għadhom kif irriżultaw, jew jekk fl-ewwel proċedimenti ikun seħħ xi vizzju fondamentali, li f'kull każ minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolġi l-każ.
>
> Il-prinċipju tan-*ne bis in idem* jimplika ta' bilfors li tkun teżisti sentenza jew deċiżjoni li tiswa (għalkemm mhux bilfors tkun waħda li fiha l-akkużat ikun instab ħati) bħala ostaklu għal proċedura dwar l-istess reat warajha[1].""

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tapplikah għal dan l-appell. Din il-Qorti tiddistingwi bejn l-imputazzjonijiet li dwarhom tressaq l-appellant. Riferenza għandha ssir għal imputazzjoni (b) u fir-rigward ta' din l-imputazzjoni din il-Qorti

[1] Deċiża nhar id-29 ta' Settembru 2009 mill-Qorti Ċivili Prim Awla fis-sede Kostituzzjonali u ppreseduta mill-Imħallef J.R Micallef. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs. Nicolai Magrin** deċiża mill-istess Qorti u ppreseduta mill-istess Imħallef nhar is-26 ta' Marzu 2009.

taqbel li kieku kellha tikkunsidraha tkun qed tmur kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

Illi fir-rigward tar-reat kontemplat f'imputazzjoni (a) din il-Qorti hija tal-fehma li fis-sustanza u anke fil-fatti dan huwa reat differenti. Din il-Qorti ma taqbilx ma dak li jgħid l-appellant li r-reat ta' imputazzjoni (a) jitwieled mill-istess fatti tar-reat ta' imputazzjoni (b) stante li r-reat f'imputazzjoni (a) kien għal kollox differenti. Kienet korretta l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata qalet hekk: *"Għal dawn ir-raġunijiet, fil-waqt illi jirriżulta ċar illi l-eċċezzjoni ne bis in idem tapplika fir-rigward tal-imputazzjoni (b), il-Qorti ma tqisx illi jikkonkorru l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi din l-eċċezzjoni dwar l-imputazzjoni (a) u għaldaqstant in kwantu l-imputazzjoni (a), din l-eċċezzjoni qegħda tiġi miċħuda."* Għaldaqstant, l-ewwel aggravju qed ikun miċħud fejn jirrigwarda imputazzjoni (a).

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jilmenta li meta l-Ewwel Qorti sabitu ħati ta' imputazzjoni (a) hija għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. B'mod partikolari huwa jilmenta li ma hemm l-ebda regola ta' dak li jikkostitwixxi ammont għall-użu esklussiv u l-ammont waħdu mhux prova konklussiva sabiex il-Qorti ssib ħtija. L-appellant jilmenta li l-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu wkoll li tipprova l-intenzjoni tiegħu li jispaċċa d-droga. Minbarra dan huwa jsemmi li ma nstabux djarji u droga maqsuma f'dożi lesti għall-bejgħ. Jisħaq ukoll li permezz ta' dak li qalet l-Uffiċjal tal-*Probation* huwa ġab prova tal-fatt li kien jikkonsma d-droga.

Illi din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konkluzzjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti jirriżultalha li l-Ewwel Qorti tat ħafna piż lill-ammont ta' droga li nstab u qabblet dan ma' dak li xehdet l-Uffiċjal tal-*Probation* fejn din ikkonfermat li l-appellant ikkonferma magħha li huwa kien jabbuża mid-droga. Din il-Qorti tirreferi għax-xiehda mogħtija mill-iSpiżjar Mario Mifsud fit-22 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 130 *et seq.*) fejn huwa jikkonferma li jekk wieħed kellu jikkonsma l-ammont ta' droga li kellu fil-pussess tiegħu l-appellant f'ġurnata waħda dan kien imut. Din il-Qorti tikkunsidra li huwa inverosimili li l-ammont ta' droga misjub kien biss għall-użu personali.

Illi l-fatt li l-appellant jagħmel użu mid-droga ma jfissirx li huwa ma kienx jittraffika tali sustanza. X'aktarx tali traffikar seta' jiffinanzja l-istess vizzju tiegħu. Fil-fehma ta' din il-Qorti anke l-ammont ta' flus li nstabu fuq l-appellant huma indikazzjoni ta' xi forma ta' tranżazzjoni. Minbarra dan fix-xiehda tiegħu PC 729 Kevin Decelis (*a fol.* 62 *et seq.*) jgħid li l-flus kienu mitfugħa bl-

addoċċ. Dan kollu magħdud mal-ammont ta' droga li kien hemm fil-borża jwassal lil din il-Qorti għall-istess konklużjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ammont ta' droga misjub jindika li huwa ammont residwali wara li tlestew xi dożi. Minbarra dan anke r-reazzjoni tal-appellant meta l-Pulizija ippruvaw jagħmlu kuntatt miegħu tixhed kontra tiegħu. Mhux kredibbli għal din il-Qorti l-fatt li l-appellant ipprova jaħrab minħabba li l-ħġieġ tal-vettura kienu *tinted*. Din hija reazzjoni ta' persuna li taf li qegħda fil-ħażin u ppruvat taħrab. In fatti din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad minn din il-Qorti diversament preseduta f'sentenza mogħtija fid-29 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brian Spiteri** (Numru 364/2014) fejn ingħad hekk:

> "Però ma kellu l-ebda dritt ikun fil-pussess ta' dawk il-pakketti f'dawk l-inħawi u r-reazzjoni tiegħu meta ġie avvicinat mill-pulizija hija tipika ta' persuna li nħasdet u irreaġixxiet f'sitwazzjoni ta' paniku. Dana jkompli jsaħħaħ l-argument illi l-appellant ma kienx fil-pussess volut ta' dawk il-pakketti ta' droga biex jagħmel użu personali minnhom."

Illi in vista ta' dak kollu li ngħad hawn fuq din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u konsegwentement it-tieni aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tielet u r-raba' aggravju flimkien peress li huma konnessi. Filwaqt li t-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar l-applikazzjoni ta' Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-raba' aggravju huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi fir-rigward ta' dawn ż-żewġ aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li, wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti diversament preseduta tassumi l-

funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 243), liema talba ġiet milqugħa (*a fol.* 257) wara li nstemgħet tixhed il-Psikologa Dr. Roberta Holland u ppreżentat r-rapport tagħha, u fejn il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li kien qed jikkunsidra l-każ bħala magħluq b'suċċess (*a fol.* 307). Dan kollu ser jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tal-aggravji in eżami.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant li ġew pruvati;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirrisalu għas-sena 2007 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- dak li jirriżulta mid-depozizzjoni mogħtija mill-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud fid-9 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 191 *et seq.*) quddiem l-Ewwel Qorti fejn ikkonfermat li l-appellant kien qalilha li huwa kien jabbuża mid-drogi kokaina u eroina u li

mit-testijiet tal-urina jidher li huwa ma kienx għadu jagħmel użu minn dawn is-sustanzi;

- dak li jirriżulta mir-rapport (Dok. "RH" – *a fol.* 259 *et seq.*) redatt mill-Psikologa Dr. Roberta Holland fejn hija kkonkludiet li f'punt ta' ħajtu l-appellant kien fi stadju avvanzat fl-abbuż tad-droga iżda huwa rnexxielu jagħmel passi konkreti sabiex jirriabilita ruħu u kif ukoll dak li jirriżulta mid-depozizzjoni mogħtija mill-istess Psikologa fit-30 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 280 *et seq.*) quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn hija kkonfermat il-punti imqajjma fir-rapport tagħha;

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-imsemmi Bord kien qed jikkunsidra l-każ bħala magħluq b'suċċess (*a fol.* 307);

- meta ngħad lil din il-Qorti diversament preseduta mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li l-każ kien magħluq b'suċċess, il-Qorti ġiet infurmata, fost l-oħrajn, bis-segwenti (*a fol.* 307): *"In vista tal-fatt illi l-Bord huwa sodisfatt bil-mod ta' kif din il-care plan ġiet segwita mill-klijent, l-istess Bord qiegħed jikkunsidra l-każ bħala magħluq b'suċċess"*;

- il-fatt illi jirriżulta li l-unika kawża li l-appellant għandu pendenti hija dik odjerna (*a fol.* 311).

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikoli 8(7) u 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll il-proviso ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu msemmi b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reat li dwaru l-appellant ġie misjub ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu

mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija. Għaldaqstant din il-Qorti ser tbiddel il-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għall-waħda t-terminu ta' liema ser ikun sospiż.

Illi dwar il-multa ta' elf Euro (€1,000) li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant iħallas, din il-Qorti tinnota li din il-multa taqa' fil-parametri ta' dak li l-Qorti msemmija setgħet timponi u din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tnaqqasha.

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, it-tielet u r-raba' aggravju tal-appellant qed jiġu milqugħa fis-sens hawn fuq imsemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Mario Fenech u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' imputazzjoni (b) u fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-iskwalifika ta' Mario Fenech milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati ta' imputazzjoni (a) u tal-addebitu tar-reċidiva;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' elf Euro (€1000) u fejn ġie ordnat iħallas l-ispejjeż peritali ammontanti għal seba' mija, sebgħa u sittin Euro u sebgħin ċenteżmu (€767.70) liema spejjeż għandhom jitħallsu fi żmien tliet xhur millum;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet ordnata r-rilaxx tas-somma ta' erba' mija u tnejn u għoxrin

Lira Maltin (Lm422) u għoxrin Euro (€20), sussegwentement depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti f'forma ta' *bank draft* maħruġ mill-Bank Ċentrali fis-somma ta' disa' mija, tlieta u tmenin Euro (€983) ekwivalenti għall-imsemmija Lm422, kif ukoll karta tal-għoxrin Euro (€20) u kif ukoll ir-rilaxx tal-*mobile phone* (Dok. "DT 3") favur l-appellant;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet ordnata d-distruzzjoni tad-droga eżebita hekk imsemmi fl-istess sentenza appellata;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat tmien (8) xhur priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant għall-perijodu ta' sena priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għal sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment, b'applikazzjoni ta' Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna illi r-reati li l-appellant instab ħati tagħhom f'dawn il-proċeduri m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**